MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 48/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**

**vs**

**Matthew Joseph Sciberras**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mathew Joseph Sciberras ta' 29 sena, iben il-mejjet Martin u Beverley nee' Townsin, imwieled Birmingham, Renju Unit fit-28 t'April 1980 u residenti Flat 3, Block 11, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru' 465794(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-31 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' 11.45 p.m. waqt li kien qieghed fi Triq Swieqi, Swieqi u fil-vicinanzi;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma' tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PC 145 Alan Abela u dan ai terminu tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PC 145 Alan Abela persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixi jew ibezzgha fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ma' obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjal tal-Pulizija imsemmi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Qal kliem oxxen fil-pubbliku.

5. Fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi saq l-vettura MAT 028 tal-ghamla Toyota bla kont u b'manjiera perikoluza u traskurata.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Jannar, 2010 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2010 l-imputat iddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fil-31 t'Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 11.45 pm, is-Swieqi bejn PC145 Alan Joseph Abela[1] u l-imputat. Mill-provi rrizulta li PC145 flimkien ma' PC149 u PC293 kienu qed jaghmlu patrol is-Swieqi u nnutaw l-imputat fil-vettura tieghu jitkellem ma' shabu li kienu barra l-istess vettura. Skond PC145, PC293 u PC149 l-imputat kien qed "jirrejzja" l-karozza tieghu bin-numru tar-registrazzjoni MAT 028 tal-ghamla Toyota u ta' kulur iswed. PS149[2] qal li huwa avvicina lill-imputat u talbu sabiex jieqaf "jirrejzja" l-vettura ghaliex kien qed jaghmel hafna storbju jew inkella jitlaq minn fuq il-post. Skond l-imsemmija tlett kuntistabbli l-imputat irrisponda li l-vettura kienet assikurata u huwa rrifjuta li jitlaq minn fuq il-post u wara li kellmuh bil-kelma t-tajba huwa baqa' jirrifjuta li jitlaq u huma ghalhekk talbuh jersaq mal-genb u jaghtihom il-particulars tieghu izda huwa rrifjuta u prova jitlaq min fuq il-post. X'hin ra hekk PS145 prova jitfi l-vettura tal-imputat billi dahhal idejh mit-tieqa tas-sewwieq u prova jiehu c-cwievet mill-"ignition". Skond PS145 l-imputat qabadlu jdejh u rwijhielu u PS145 ghalhekk qabad il-pepper spray u "sprejjah" f'ghajnejn l-imputat li mbaghad rega' "rrejzja" l-vettura u telaq minn fuq il-post izda rritorna wara xi ghaxar minuti, ghadda kontra l-"One Way" u prova jsuq ghal fuq PS145 u mbaghad rega' telaq min fuq il-post. L-imputat kemm meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 t'April 2011 kif ukoll meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 17 sa 19 tal-atti processwali qal li kien bil-qeghda fil-vettura tieghu parkeggjata qed jitkellem ma' shabu meta giet persuna minn wara u dahlet idha fil-vettura sabiex taqlalu c-cwievet mill-"ignition" u huwa qabadlu idu, ghaliex haseb li kien xi wiehed minn shabu qed jaghmillu cajta, sabiex ma' jehodlux ic-cwievet u din il-persuna sprejjat il-pepper spray f'ghajnejh. L-imputat jghid

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2010.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2010.

li meta l-persuna dahlet idejha sabiex tiehu c-cwievet huwa ma' kienx induna li kien Pulizija. Huwa qal ukoll li l-Pulizja beda' jghajru u jghidlu li seta' jaghmel li jrid ghaliex "I am the law". L-imputat cahad li ma' kienx obda l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija u qal li huwa telaq minn fuq il-post u mar ghand habib tieghu St. Andrews sabiex jahsel wiccu u mbaghad cemplulu mill-Ghassa ta' San Giljan fejn qalulu sabiex imur hemm biex ikellmuh u qal li l-persuna li cemplet bdiet tghidlu kliem fis-sens li ghall-anqas hija bil-pepper spray kienet attakatu u mhux b'pistola kif kien ghamel hu. L-imputat qal li huwa kien mar l-Ghassa ta' San Giljan fejn kien wasslu siehbu u li l-ghada kien mar l-Isptar Mater Dei ghaliex ma setghax jara sew u gie certifikat li kellu double vision.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti kif ghadu kemm gie espost fil-paragrafi precedenti. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz m'ghandha l-ebda raguni il-ghala tiddubita minn dak li xehdu PC145 u PC149 u inoltre ssibha pjuttost difficli temmen dak li sostna l-imputat u cioe' li PC145 mar sabiex jehodlu c-cwievet mill-"ignition" ghal xejn b'xejn u minghajr qabel hadd ma' kien kellmu u tah ordnijiet sabiex iwaqfuh milli "jirrejzja" l-vettura tieghu. Il-Qorti izda jidrilha li r-reazzjoni ta' PC145 li jisprejja l-pepper spray f'ghajnejn l-imputat setghat kienet daqxejn sproporzjonata ghaliex fuq kollox l-imputat kien qieghed bil-qeghda fil-vettura tieghu u ma' setghax jagredixxi lil PC145 u dan tal-ahhar seta' facilment jigbed idejh il-barra u mhux jirrikorri ghall-uzu tal-pepper spray. Id-Difiza ppruvat tattakka l-kredibilita' ta' PC145 billi allegat li huwa gideb dwar rapport li l-imputat allegatament mar jaghmel l-Ghassa tal-Mosta meta mill-provi rrizulta li dakinhar tal-incident ma' kien sar ebda rapport mill-imputat fl-Ghassa tal-Mosta. Effettivament huwa minnu li mill-provi rrizulta li l-imputat ma kien ghamel ebda rapport l-Ghassa tal-Mosta izda PC145 qal li kienu qalulu li l-imputat mar l-Ghassa tal-Mosta izda ma qalx li kien jaf li sar dan ir-rapport. Il-Qorti tirrrileva li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat ma' tistghax

titwemmen anki ghaliex ma’ gietx korroborata mix-xhud prodott minnu, u cioe’ Sheldon Cutajar li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Mejju 2011 fejn qal li l-Pulizija beda’ jghid lill-imputat li kien ser jattakkah bil-pepper spray u mhux b’pistola kif kien ghamel hu fil-mument li dan beda’ javvicina l-vettura tal-imputat u qabel ma dahhal idejh fl-istess vettura sabiex jiehu c-cwievet mill-“iginiton”. Dan jikkontradixxi bil-bosta dak li qal l-imputat li mhux talli sostna li l-Pulizija l-anqas biss kienu kellmuh qabel ma’ PC145 dahhal idejh fl-“ignition” izda qal ukoll li l-Pulizija kienu semmew il-kliem dwar l-uzu tal-pepper spray u tal-pistola meta cemplulu sabiex imur l-Ghassa ta’ San Giljan wara li kien sehh l-incident kollu.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri permezz tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 96 u 95 tal-Kodici Kriminali u cioe’ r-reati ta’ attakk jew rezistenza bi vjolenza kontra ufficjal pubbliku u ingurji jew theddid kontra ufficjal pubbliku rispettivament. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li fil-mument li l-imputat rewha id PC145, huwa kien qed jaghmel rezistenza bi vjolenza u ghalhekk huwa sejjer jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat qal kliem dispreggjattiv u oxxen fil-konfronti ta’ PC145 (ara xhieda ta’ PC149) u ghalhekk huwa ser jinstab hati tat-tieni (2) u tar-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat m’obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija ghaliex huwa rrifjuta li jieqaf “jirrejzja” l-vettura u rrifjuta wkoll li jaghti l-particulars tieghu. Permezz tal-hames (5) imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat li saq b’manjiera traskurata u perikoluza. Il-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni ma’ tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex PC145 u PC149 ma’ kienux cari bizzejjed dwar f’hiex kien jikkonsisti s-sewqan perikoluz u jidrilha li jista’ jkun il-kaz li f’dak l-istadju l-imputat irreagixxa b’dak il-mod minhabba l-pepper spray li kien gie sprejjat f’ghajnejh u l-mod ta’ sewqan tieghu f’dak l-istadju kien dovut ghal dan il-fatt.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta stante li mill-istess fedina penali jirrizulta li precedentement huwa nstab hati ta’ reati konnessi ma’ regolamenti tat-traffiku u dan f’okkazzjoni wahda u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 96, 95, 338(ee), u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------